31976R2566



# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2566/76
## tal-20 ta' Lulju 1976
## li japprova l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jemendaw it-Tabelli I u II annessi mal-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tieghu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi t-Tabelli I u II annessi mal-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera [1] għandhom ikunu emendati u jkun approvat il-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri li kien negozjat għal dak l-iskop.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri li jemenda t-Tabelli I u II annessi mal-Protokoll 2 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna awtorizzata li tiffirma l-Ftehim għall-iskop li torbot il-Komunità.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara li jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fl-20 ta' Lulju 1976.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. van der STOEL

(1) ĠU L 300, 31.12.72, p. 188.